**7 ta' Marzu, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Frank Gabriele ne.

*versus*

Joseph Grima

**Kompetenza — Att ta' Kummerċ — Xiri ta' Karrozza — Art. 7, 5, u 640(a) tal-Kap. 17**

*Il-preżunzjoni hija illi huwa att kummerċjali kwalunkwe att li jagħmel kummerċjant, meta mill-att stess ma jkunx jidher li l-att ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ; u huma ta' natura kummerċjali l-kontroversji relattivi għall-obligazzjonijiet u kuntratti bejn kummerċjanti, jekk l-att ma jidherx mill-att fih innifsu li l-affari hija prettament ċivili.*

*L-attijiet obbjettivi tal-kummerċ jiddistingwu ruħhom essenzjalment mill-attijiet soġġettivi; in kwantu l-att oġġettiv tal-kummerċ jattribwixxi l-kwalità ta' kummerċjant lil kull min jagħmlu professjonalment, mentri l-att soġġettiv jippresupponi f'min jagħmlu l-professjoni ta' kummerċjant.*

*Hekk xiri ta' karrozza min kummerċjant għall-użu tiegħu personali u tal-familja tiegħu, anki jekk isservih biex biha jmur mid-dar għas-sede tal-kummerċ tiegħu, u avvolja hu kummerċjant, hija operazzjoni ta' natura prettament ċivili.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-konvenut kien ordna minn għand id-ditta attriċi li-"spray painting" tal-karrozza tiegħu, u fid-9 ta' Awissu 1960 (dok X) obliga ruħu li jħallas il-kont relattiv għal dan ix-xogħol, u li ma kienx jista' jirtira l-karrozza tiegħu qabel ma jħallas il-kont; peress illi x-xogħol ġie eżegwit, u l-konvenut, sabiex ikun jista' jieħu l-karrozza għat-termini tal-ftehim (dok. X), ta cheque lid-ditta attriċi ta' £32, u wara li rtira l-karrozza lura huwa kkanċella dan iċ-cheque, billi ta istruzzjoni lill-Bank biex ma jħallsux; talab li l-konvenut jiġi kundannat li jħallas lid-ditta attriċi s-somma ta' £32 dovuta għal "spray paint-

ing" tal-karrozza tiegħu; liema somma hu obbliga ruħu li jħallas, kif jidher mid-dokument "X" eżibit maċ-ċitazzjoni. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż, u b'riżerva għal kwalunkwe azzjoni oħra kompetenti lill-attur nomine kontra l-konvenut minħabba l-aġir tiegħu kif fuq spjegat;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-Qorti sejra, kif inhu dmirha, tieħu l-ewwel-nett konjizzjoni tal-eċċezzjoni konvenuta tal-inkompetenza;

Illi l-preżunzjoni hija li kwalunkwe att ta' kummerċjant huwa att kummerċjali, meta mill-att stess ma jkunx jidher li hu ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ (art. 7 Kap. 17). Jingħad ukoll fil-liġi, li huma ta' natura kummerċjali l-kontroversji relattivi għall-obligazzjonijiet u kuntratti bejn kummerċjanti, jekk ma jidherx mill-att innifsu li l-affari hija prettament ċivili (art. 640 (a) Kap. 17). Il-liġi kummerċjali fl-art. 5 tindika mbagħad liema huma l-attijiet tal-kummerċ;

Illi minn dan jitnissel li l-leġislatur jikkontempla żewġ attijiet, dawk oġġettivi u dawk soġġettivi, tal-kummerċ, li jiddistingwu ruħhom essenzjalment in kwantu l-att oġġettiv tal-kummerċ jattribwixxi lil kull min jagħmlu profes-sjonalment il-kwalità ta' kummerċjant, mentri l-atti sub-bjettivi jippresupponu f'min jagħmilhom il-professjoni ta' kummerċjant. Fi kliem ieħor, l-atti obbjettivi huma poġġuti fuq dispożizzjoni tal-liġi (ara art. 65, 640(b), u 641 tal-Kap. 17), li tikkunsidrahom bħala atti tal-kummerċ indipendentement milli l-iskop tagħhom jappartjenix jew le lil xi azjenda kummerċjali, mentri l-atti subbjettivi huma biss bażati fuq preżunzjoni, l-għaliex jistgħu, fil-fatt, jiġu dimostrati li huma kienu estranei għall-attività kummerċjali tan-negozjant, u allura ma jibqgħux jappartjenu lill-kummerċ, iżda jiġu jaqgħu fl-isfera tal-atti ċivili, u bħala tali jkunu suġġetti għal din l-aħħar liġi msemmija. Il-preżunzjoni, mbagħad, li l-obligazzjonijiet kollha ta' kummerċjant

għandhom riferenza għall-kummerċ tiegħu hija relattiva, għaliex tista' tiġi kombattuta (ara art. 640(a) Kap. 17);

Ikkunsidrat;

Illi, premess dan li ntqal fuq, jingħad li "per sè" ix-xiri ta' karozza tan-nar minn kummerċjant ma jistgħax jingħad li hija obbjettivament att ta' kummerċ, għar-raġuni li fuq intqalet; imma subbjettivament l-istess xirja tippresta ruħha *għal diversi u varjanti konklużjonijiet. Infatti,* jekk kummerċjant jixtri van jew truck, jew kwalunkwe vejikolu ieħor li jista' jservi għall-azjenda kummerċjali, issoluzzjoni hija faċli; l-għaliex dak l-akkwist ikun jimporta espressjoni ndiretta, biex ma jingħadx diretta, tal-użu li min jixtri jkun irid jagħmel minn dak il-vejikolu; u dan liskop jaċċentwa ruħu u jkun aktar jidher, jekk fuqu jiġi appost l-isem jew il-markju tal-kummerċ tal-akkwirent. Imma mill-banda l-oħra, jekk kummerċjant jixtri karrozza tan-nar, li solitament hija wżata għat-trasport tal-passiġġieri jew nies, anki jekk huwa jagħmel użu minnha biex imur mid-dar tiegħu għas-sede tal-affari tiegħu, l-istess xirja ma tikkostitwix att kummerċjali, iżda att ċivili; "multo magis" meta huwa jużaha wkoll għalbiex joħroġ il-familja tiegħu;

Illi l-konvenut ammetta li huwa juża l-karrozza li hija identika għall-saloon, sabiex imur mid-dar għall-uffiċċju kummerċjali tiegħu; u ammetta wkoll li sservi biex joħroġ il-familja tiegħu, għalkemm insista biex jgħid li huwa prinċipalment *jużaha bħala aġent kummissjonat, sabiex imur* jieħu l-ordnijiet minn għand l-avventuri tiegħu. Però huwa fatt li l-merkanzija li huwa jbiegħ jibgħata għand l-avventuri bi truck li huwa solitament jikri. Il-konvenut qal ukoll li l-karrozza in kwistjoni hija ntestata b'ismu, u mhux b'isem id-ditta tiegħu, li hija publikata u meta akkwistaha minn għand l-attur nomine huwa ma taħx l-indirizz tad-ditta, iżda l-indirizz tad-dar konjugali tiegħu;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi "di fatto", kombinati mal-liġi u mal-ġurisprudenza lokali (ara Appell 7 ta' Ġunju 1926, in re "Negozjant Alfredo Muscat ne. vs. Joseph u William aħwa Naudi", Volum XXVI-I-117), din il-Qorti tinklina

biex tirritjeni li l-konvenut, għalkemm kien kummerċjant meta xtara dik l-istess karrozza, għamel operazzjoni ta' natura ċivili soġġettivament;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni konvenuta ta' l-inkompetenza ta' din il-Qorti, u tiddikjara konformement il-kompetenza tagħha; bl-ispejjeż tal-inċident għall-konvenut.